# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura – Laqgħa b'urġenza

**Laqgħa Numru 45/2022**

Data: Il-Ħamis 3 ta' Frar, 2022

Ħin: 18:00hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

Preżenti:
Sur Pierre Dalli – Sindku
Sur Clayton Portelli Cascun – Viċi Sindku
Sur Charles Bonello – Kunsillier
Sur Ray Deguara - Kunsillier
Dr Ryan Ellul - Kunsillier
Sur Mark Lombardo - Kunsillier

Skużati:
Sin Toshera Schembri – Kunsillier
Sur Mario Fava – Kunsillier
Sur Adrian Tanti - Kunsillier

Sin Cynthia Plumpton –Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

### 45.1 STAFF

Il-laqgħa bdiet fis-18:30hrs. Is-Sindku beda l-laqgħa billi rringrazzja lil kullħadd tal-kondoljanzi li tawh.

## 45.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**45.1.1** Is-Sindku ra u approva li t-talbiet bħala ġustifikati biex il-Kuns T Schembri, il-Kuns M Fava u l-Kuns A Tanti jkunu skużati għal din il-laqgħa. Attendenza

Inqrat imejl mibgħuta mill-Kuns M Fava mmarkata bħala Dok 'A'. Is-Sindku talab jekk kienx hemm xi kummenti fir-rigward ta' din l-imejl u kien hemm qbil li dan il-Kunsill għandu jibqa għaddej bil-proċess.

**45.1.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 6048/22/8 "Wara r-riżenja tas-Segretarju Eżekuttiv u żewġ ħaddiema klerikali fi skala 15 il-Kunsill Lokali għandu joħroġ immedjatament sejħiet sabiex jiġu mimlija".

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**45.1.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 6049/22/8 "Wara r-riżenja tas-Segretarju Eżekuttiv li ser tkun b'effett mis-16 ta' Frar 2022, dan il-Kunsill għandu jibda l-proċess sabiex sad-data ndikata d-Deputat Segretarju Eżekuttiv ikollu l-fakulta tal-poter u fakultajiet kollha sabiex ikun jista jkompli miexi interuzzjonijiet possibli".

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**45.1.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 6050/22/8 "Fid-dawl ta' riżenja ta' Segretarju Eżekuttiv għandu jsir Awditjar tal-kotba tal-Kunsill sabiex is-segretarja eżekuttiv il-ġdid ikollu f'idejh id-dokumentazzjoni awditjarja tal-pożizzjoni tal-Kunsill ta' meta jibda l-ħidma tiegħu".

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

Il-laqgħa ntemmet fis-18:37hrs.

| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
|---|---|
| Is-Sur Pierre Dalli | Sinjura Cynthia Plumpton |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Data: 3 ta' Frar, 2022

Dok 'A'

**Plumpton Cynthia at Local Councils**

**From:** Mario Fava <mariofava16@gmail.com>
**Sent:** Thursday, 03 February 2022 18:01
**To:** Fgura Local Council at Local Councils; Dalli Pierre at Heritage Malta; Clayton Portelli Cascun; Ryan Ellul; Ray Deguara; Charles Bonello; Toshera Schembri; Adrian Tanti; Mark Lombardo
**Subject:** Laqgha B' urgenza

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Gentili Kollegi,

Jidher li l-porpsota tieghi li aktar milli l-urgenza, insibu guranta li jista' jattendi min ghandu interess u jista' jaghti kontribut fuq il-materja, ma gietx milqugha.

Ghaldaqstant, nirreserva d-dritt li nitlob li din l-istess materja tigi mpoggija fuq l-ewwel seduta skedata tal-Kunsill sabiex tigi diskussa mill-gdid.

Aktar milli ppuntar ta' swaba u argumenti ohra ta' x' wassal ghal din is-sitwazzjoni, aktar jimmerita' diskussjoni miftuha. CErtament li min kien parti mill-problema ma jistax ikun parti mis-soluzzjoni.

Nemmen li stajt naghti kontribut fid-diskussjoni ghal gid tal-Kunsill u ghandi interess daqs kull kunsillier iehor li jkun hemm soluzzjoni dejjiema ghal gid tal-kommunita.

Hafna affarijiet li graw, inghaddu u gew accettati, ma naqbilx maghhom.

Napprezza li din il-korrispondenza tinqara' fis-seduta li ser ssir il-lejla.

Grazzi u tislijiet,

Mario Fava
Kunsillier

E-mail: mariofava16@gmail.com
Mob: +356 9944 3381